ĦARĠA NUMRU 13 - REBBIEGĦA

NEWSPAPER POST



# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

# Għeżież qarrejja,

Ir-rebbiegħa tinsab magħna. Nistgħu ngħidu li hu l-istaġun favorit ta' ħafna. Dan għaliex miegħu jġib il-ħajja, lwien sbieħ fil-kampanja u opportunità mill-isbaħ għall-familji biex joħorġu jgawdu s-sbuħija tan-natura u jaqtgħu mir-rutina ta' kuljum. It-temp jibda jisbieħ, il-klima tkun iktar pjaċevoli u l-ġurnata titwal. L-għelieqi jimtlew bil-ħdura, u nibdew ninnutaw anke n-naħal u l-friefet idakkru l-fjuri. F'dan ix-xahar jibda l-ħaxix u l-frott tal-istaġun bħall-ful, il-qaqoċċ, il-frawli, in-naspli u l-berquq, u nsibu wkoll nixtru iktar ħaxix għall-borma.

L-għasafar jaħsbu għall-bejtiet u jsaħħruna bl-għanjiet tagħhom. Is-siġar jibdew jarmu l-weraq ġodda u ninnutaw anke l-frott jifforma.

Fir-rebbiegħa jkollna waħda mill-ikbar festi, dik tal-Għid il-Kbir. Jiftaħ ukoll l-istaġun tal-għawm fil-festa ta' Lapsi u niċċelebraw ukoll Jum l-Omm u Jum il-Missier.

F'din il-ħarġa se nħarsu lejn ħafna artikli interessanti fosthom fuq it-tnedija tal-iskema Prodott ta' Kwalità, kif ukoll artiklu ieħor fuq l-inbid ta' kwalità. Se naraw ukoll artikli fuq l-annimali fejn se nkunu qed nitkellmu fuq il-baqra Maltija, fuq il-mogħża u l-istorja tagħha f'pajjiżna kif ukoll riċerka fuq is-settur tal-majjal mill-istudenti tal-MCAST. Ser inkunu qed naqraw fuq kappelli li jinsabu fil-kampanja Maltija, u għandna għalikom ukoll żewġ riċetti li żgur se jinżlu tajjeb magħkom il-qarrejja.

Filwaqt li nirringrazzja l-kontributuri ta' din ir-rivista, nittama li ssibu l-artikli interessanti u jintlaqgħu tajjeb magħkom il-qarrejja.

Tislijiet

*Claire Cauchi*

## NISĠET ARTNA


Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività.
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp L-Għammieri,
Triq l-Ingiered Il-Marsa, MRS 3303




Il-Kantra ta' Ċenċ, Sannat
Ritratt meħud minn
Joseph Mercieca


Kordinatriċi
Leanne Bajada

Editur
Claire Cauchi

Kontributuri
Philip Aquilina
Arnold Sciberras
Franklin Buħaġiar
Karl Joseph Micallef
Christopher Farruġia
Malcolm Vassallo
James Gauċi
Robert Cutajar
Jeffrey Sciberras
John Baptist Cassar
Marco Dimech
David Bartolo
Karmen Tedesco
Joseph Jason Abela

Qari tal-provi
Braden Saffrett

Disinn
Max Saliba


## Werrej


03. Aktar Tisħiħ
04. Inbid ta' Kwalità
05. Dixxiplina Finanzjarja
06. Il-Mogħża Vittma tal-Progress
07. Proċess tat-Trasferimenti tat-Tadam
08. Kappelli fil-Kampanja Maltija
09. Hard Standing
10. Extension Services Annimali
11. Extension Services Biedja
12. Riċetti
13. Aktar Minn Miljun Ewro Fondi Biex Tittejjeb il-Kwalità tal-Ħamrija u l-Biedja Organika
14. Prodott ta' Kwalità
16. Il-Baqra Maltija
18. AECM5 (RDP)
19. Aktar Għotjiet lill-NGO's
20. Riċerka fis-Settur tal-Majjal
22. Il Liġi tal EUTR
23. Ħidmet id-Direttorat tal-Annimali 2017

# Aktar Tisħiħ

Ninsabu fix-xahar ta' Marzu, u għalhekk għaddew l-ewwel tliet xhur tas-sena li kienu mimlija ħidma mis-Segretarjat. Kien ta' pjaċir għalija li nżur il-faċilità tal-hard standing u nagħti ċ-ċertifikati lill-erba' impjegati li temmew b'suċċess it-taħriġ, għaddew mill-eżamijiet tat-teorija u l-prattika u għaldaqstant ġew iċċertifikati bħala operaturi tal-parank. L-għan tiegħi huwa wara kollox li nkompli ninvesti u ntejjeb din il-faċilità għaliex inħoss li tikkontribwixxi ferm, sew għas-sajjied fejn jista' jsewwi u jipprepara d-dgħajsa tiegħu għas-sajd bl-aktar mod konvenjenti, sikur u anke mingħajr spejjeż żejda, kif ukoll għandha sehem biex issostni dan il-mistier tradizzjonali tas-sajd.

Ħadna ħsieb li ngħinu lis-sajjieda sabiex jieħdu l-massimu anki minn Fondi Ewropej u ħabbarna t-tieni sejħa ta' skemi ta' għajnuna għas-sajjieda kkofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020 li jammontaw għal miljun ewro. Taħt l-ewwel miżura, sidien ta' bastimenti jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet għal investimenti li jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tad-dħul tas-sajjieda permezz tal-iżvilupp ta' attivitajiet kumplimentari, li jinkludu investimenti abbord, turiżmu tas-sajd bil-qasba, restoranti, servizzi ambjentali marbuta mas-sajd u attivitajiet edukattivi dwar is-sajd. Taħt it-tieni miżura, sidien ta' bastimenti jistgħu jinvestu f'tagħmir abbord bil-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu u jżidu l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd.

L-għajnuna għas-sajjieda ma tingħatax biss billi nħabbru u nifthu l-iskemi. Ħsibna sabiex inwaqqfu customer care unit, wieħed fl-Imġarr, Għawdex u l-ieħor l-Għammieri, Malta fejn għall-ewwel darba, id-Dipartiment tas-Sajd qiegħed jgħin fil-mili tal-applikazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ miżuri lil kull min hu interessat. Dan huwa mod konkret kif ngħinu lis-sajjieda tagħna.

Matul dawn ix-xhur bqajna wkoll impenjati li b'mod kontinwu nitkellmu mal-bdiewa dwar ħidmiethom u ħsibna sabiex il-prodott lokali Malti jkompli jieħu spinta 'l quddiem permezz ta' inizjattivi mmirati sabiex uħud mill-prodotti tagħna jkomplu jiksbu suċċess filwaqt li nkomplu nsostnu l-kwalità li joffru.

Nedejna l-iskema nazzjonali Prodott ta' Kwalità, skema essenzjali għall-qasam agrikolu li ser isservi sabiex ikollna qafas fejn jinħarġu standards tal-prodott ta' kwalità f'Malta. Il-Gvern dejjem emmen f'politika ta' kwalità għall-prodotti agrikoli f'Malta għax jemmen fit-tjubija intrinsika ta' ħafna mill-prodotti ta' pajjiżna, u huwa għalhekk illi ħdimna bis-sħiħ sabiex nassiguraw li din il-politika tiġi implimentata biex kemm il-konsumatur kif ukoll il-produttur jibdew jiggwadanjaw. Minn Jannar, il-bdiewa, ir-raħħala u l-produtturi setgħu jibdew japplikaw għal din l-iskema.

Din kienet wegħda elettorali ta' dan il-Gvern, u s-Segretarjat tiegħi jrid jassigura li l-prodotti agrikoli ta' kwalità f'Malta jkunu qed jiġu mwassla għand il-konsumatur b'mod onest u bla ebda qerq. Ninsab sodisfatt li ħabbart kif għall-ewwel darba f'Malta rnexxielna nistabbilixxu skema ta' kwalità għall-prodotti agrikoli f'Malta.

L-Għaqdiet Mhux Governattivi li qed jgħinu fl-addozzjonijiet tal-annimali ngħataw għotjiet li jlaħħqu s-€17,650. Dawn l-NGOs jieħdu ħsieb li jiċċekkjaw



u jagħmlu l-verifiki tagħhom dwar l-ambjent li fih ikunu sejrin l-annimali li jiġu addottati mill-Animal Welfare sabiex jassiguraw li qegħdin jgħixu f'post fejn jixirqilhom u għalhekk huma mħarsa sew. Dawn il-fondi huma eżempju wieħed ta' għajnuna li qegħdin noffru lill-Għaqdiet Mhux Governattivi bħala rikonoxximent tal-isforz u l-kontribuzzjoni valida u effettiva li jagħmlu fis-settur.

Dan kollu juri biċ-ċar l-impenn tal-Gvern għal dawn is-setturi. Il-bdiewa u s-sajjieda ser inkomplu naħdmu magħhom, ser inkomplu nisimgħuhom u ser inkomplu nwettqu l-miżuri u l-inizjattivi, sabiex ngħinuhom fil-ħidma tagħhom u nagħtu l-importanza li tixraq lil dawn l-oqsma tant importanti f'pajjiżna. Jien naf li l-biedja u s-sajd għandhom futur f'pajjiżna, u qed nagħmlu minn kollox biex dawn is-setturi nassigurawlhom l-aqwa ġejjieni.

Il-ħidma tkompli.

Clint Camilleri

Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

# Inbid ta' Kwalità

## X'inhu nbid ta' kwalità u kif nista' nidentifikah?

Biex tiffaċilita dan, l-UE żviluppat sistema bbażata fuq is-sistema ta' klassifikazzjoni Franċiża li tiddefinixxi l-inbejjed ta' kwalità. Biex jagħmlu dan, dawn żviluppaw il-kunċetti DOK u IGT, u sistema ta' ċertifikazzjoni li tiddefinixxi b'mod ċar liema kwalità wieħed jista' jsib fl-inbejjed li jkollhom din il-marka.

## X'inhuma nbejjed DOK u IGT?

Produzzjoni ta' nbejjed DOK u IGT isegwu għadd ta' regolamenti li jiddeterminaw il-preparazzjoni ta' dan l-inbid ta' kwalità. Dawn ir-regolamenti jinkludu listi tal-varjetajiet ta' għeneb li jistgħu jintużaw, il-produzzjoni massima ta' nbid li tista' tiġi prodotta għal kull żona ta' vinja, kif ukoll il-potenzjal minimu alkoħoliku naturali li l-għeneb għandu jkollu. Il-limiti fuq il-potenzjal alkoħoliku naturali minimu jiżguraw li waqt il-ħsad, l-għeneb huwa għani fiz-zokkor u għalhekk wasal fl-istadju xieraq ta' maturità qabel ma jinġabar.

Id-differenza bejn id-DOK u l-IGT tinsab fil-fatt li filwaqt li l-inbejjed IGT għandhom parametri stretti biex jimxu magħhom, l-għeneb użat għall-produzzjoni ta' dawn l-inbejjed joriġina minn żona ġeografika akbar minn dawk allokati għall-inbejjed DOK u l-karatteristiċi ta' kwalità (bħal kontenut ta' zokkor u rendiment) jistgħu jkunu inqas stretti minn dawk stabbiliti għal DOK.

Min-naħa l-oħra, l-għeneb użat għall-produzzjoni tal-inbejjed DOK huwa normalment ristrett għal żona ġeografika limitata li tiżgura li l-karatteristiċi tal-inbid jirriflettu b'mod ċar il-karatteristiċi uniċi tat-territorju determinat.







L-għeneb qed jinqata u jitpoġġa fil-kaxxi



Għalqa bid-dwieli

Dan l-artiklu nkiteb minn
Marco Dimech
Assistent Direttur, Direttorat tal-Agrikoltura

## Kif nista' nidentifikahom?

L-inbejjed DOK u IGT huma nbejjed ta' kwalità li huma faċilment identifikati bil-preżenza ta' tikketta li tapprova livell għoli ta' kwalità lill-konsumatur. It-tikketti huma maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima u nnumerati individwalment, li jfisser li kull flixkun jista' jiġi traċċat lura għal-lott tal-produzzjoni li kien iċċertifikat kemm kimikament kif ukoll organolettikament (li jfisser li xi ħadd attwalment tiegħmu u ċċertifika li huwa nbid ta' kwalità). Dan huwa wkoll garanzija li l-għeneb, li jipproduċi l-inbid ċertifikat, oriġina mir-reġjun definit, jiġifieri DOK Malta minn Malta, DOK Għawdex minn Għawdex u IGT Gżejjer Maltin mill-Gżejjer ta' Malta.

## Għaliex qed issir kampanja nazzjonali fuq l-inbejjed DOK u IGT?

Sfortunatament hemm ftit għarfien dwar din is-sistema ta' ċertifikazzjoni fost il-pubbliku ġenerali. Dan mhux biss il-każ f'Malta u f'Għawdex iżda wkoll madwar l-Ewropa. DOK Malta, DOK Għawdex u IGT Gżejjer Maltin huma denominazzjonijiet ta' kwalità li huma protetti mill-Unjoni Ewropea u jaqblu ma' ismijiet oħra protetti Ewropej. L-għan ta' din il-kampanja nazzjonali huwa li tinforma lill-pubbliku dwar xi jfissru l-inbejjed DOK u IGT, ix-xogħol involut wara l-produzzjoni ta' nbejjed ta' kwalità u jifhmu wkoll l-uniċità ta' nbejjed li għandhom siġill DOK u IGT.



L-għeneb maqtugħ lest għall-għasir



L-għeneb qed jingħasar

# Dixxiplina Finanzjarja

Dan l-artiklu nkiteb minn
Franklin Buhagiar
Assistent Direttur (ARPA)

## Il-Kummissjoni Ewropea tirritorna €433 miljun lill-bdiewa Ewropej

Din in-nota tirreferi għall-miżura magħrufa bħala Dixxiplina Finanzjarja fuq il-Pagamenti Diretti fi ħdan il-leġiżlazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-Unjoni Ewropea. Din il-miżura tippermetti li kull sena jsir tnaqqis mill-infiq taħt il-Politika Agrikola Komuni, speċifikament minn Pagamenti Diretti li huma ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), sabiex jitwarrbu madwar €400 miljun fis-sena li jistgħu jintużaw għal għajnuniet intiżi biex jagħtu appoġġ f'każijiet ta' kriżi li jistgħu jinqalgħu fis-swieq agrikoli. Dan it-tnaqqis jaffettwa biss dawk il-Pagamenti Diretti li jeċċedu l-ammont ta' €2,000 u l-flus iffrankati bħala riżultat ta' din il-miżura jintużaw biex jiżguraw li l-hekk imsejħa riżerva ta' kriżi tkun disponibbli fil-baġit tas-sena ta' wara.

Skont ir-regoli tal-Unjoni Ewropea, l-ammonti ġġenerati minn din il-miżura li ma jintefqux u allura li jibqgħu disponibbli fil-baġit tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fi tmiem is-sena finanzjarja, għandhom jiġu rimburżati lill-bdiewa. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni Ewropea kkonfermat li se tirrifondi madwar €433 miljun lill-bdiewa Ewropej li kienu mnaqqsa mill-baġit tal-2017 għall-fini tar-riżerva ta' kriżi agrikola tas-sena 2017. Għalhekk Malta fl-2018 se tkun qed tqassam lura s-somma globali ta' madwar €30,000 lura lil dawk il-bdiewa li kellhom il-pagament imnaqqas fl-2017 taħt din il-miżura.

# Il-Mogħża – "Vittma tal-Progress"

It-trobbija tal-mogħoż tilfet il-popolarità fil-gżejjer tagħna minħabba ħafna fatturi li ġraw tul l-istorja ta' pajjiżna. Il-mogħża kienet importanti ħafna għall-kultura Maltija. Hija kienet is-sors ewlieni ta' ħalib għax-xorb għall-Maltin għaliex f'Malta ma kellniex baqar tal-ħalib. Il-mogħża hija annimal effiċjenti ħafna, kapaċi tipproduċi ammonti kbar ta' ħalib anki meta tingħata għalf u magħlef ta' kwalità baxxa ħafna. Hija annimal ġeneruż ħafna f'termini ta' produttività. Infatti l-mogħża tissejjaħ "il-baqra tal-fqir". Apparti minn hekk il-mogħoż huma kapaċi jaddattaw ruħhom għal ambjent u klima diffiċli, bħal pajjiżna fejn għandna nuqqas ta' ilma u temperaturi għoljin. Infatti l-mogħoż huma meqjusin bħala bhejjem li jifilħu l-kastig.

Il-popolazzjoni tal-mogħoż f'Malta kienet tammonta għal eluf kbar u r-razza tal-mogħża Maltija kienet popolari ħafna għall-produzzjoni tal-ħalib fil-Mediterran u għalhekk kienu jiġu esportati numri kbar ta' mogħoż Maltin lejn ħafna pajjiżi. Infatti, ħafna pajjiżi


Ritratt antik ta' mogħoż fit-toroq


Ritratt antik ta' mogħoż mar-raħħal

żviluppaw razez ta' mogħoż li huma dixxendenti tal-Mogħża Maltija. Illum il-popolazzjoni tal-mogħoż f'Malta naqset drastikament għal ħafna raġunijiet u sfortunatament il-Malti neħħa l-prodotti tal-mogħoż mill-menù tiegħu.

L-Ingliżi f'Malta – Meta konna nagħmlu parti mill-kolonja Ingliża, l-Ingliżi kienu mdorrijin bil-ħalib tal-baqar u peress li l-ħalib tal-mogħoż huwa aktar xaħmi u għandu togħma aktar rustika minn dak tal-baqar, riedu li jibqgħu jixorbu ħalib tal-baqar. Għalhekk kienu għamlu pressjoni biex jibdew jiġu impurtati baqar tal-ħalib lejn Malta.

Id-Deni Rqiq – Id-deni rqiq ġie skopert fil-mogħoż u kulħadd beda jibża' jikkonsma l-ħalib tagħhom u għalkem illum id-deni rqiq ġie eradikat u m'għadux jinsab fil-mogħoż, xorta waħda għad hawn min jipprendi l-prodotti tal-mogħoż minħabba l-kwistjoni tad-deni rqiq. Barra minn hekk, biex din il-marda bdiet tiġi kkontrollata, il-mogħoż kollha ta' Malta u Għawdex riedu jiġu eżaminati regolarment biex il-marda tiġi eradikata. Din kienet problema għax il-popolazzjoni tal-mogħoż fil-gżejjer kienet kbira ħafna biex ilaħħqu mad-domanda tal-ħalib. Kien ġie kkunsidrat li l-istess ammont ta' ħalib seta' jiġi prodott b'ammont iżgħar ħafna


Ritratt antik ta' mogħoż fit-toroq

Dan l-artiklu nkiteb minn
Philip Aquilina
Uffiċjal Agrikolu Anzjan

ta' baqar minn kemm kien hemm mogħoż, għas-sempliċi raġuni li baqra taħleb ammont akbar minn mogħża. Dan kien ifisser li l-kontroll tal-mard kien ikun aktar prattiku fuq il-baqar milli fuq il-mogħoż.

Il-Perċezzjoni – Punt ieħor huwa li Malta kienet bdiet tiżviluppa, u bħal kull pajjiż ieħor il-progress jibda jiġi esibit biex dan ir-riżultat jibda jidher mal-pajjiżi l-oħra. Il-mogħoż f'termini kulturali jirrappreżentaw il-faqar, u aktar ma jkun hemm mogħoż f'pajjiż ifisser li l-faqar fl-istess pajjiż ikun akbar. Għaldaqstant, in-numru tal-mogħoż beda jitnaqqas drastikament.

Dawn ir-raġunijiet kollha kienu wasslu għal deċiżjoni li l-merħla nazzjonali tal-mogħoż tinbidel ma' merħla ta' baqar, fejn il-mogħoż kienu ġew esportati b'ammonti kbar lejn it-tramuntana tal-Afrika. Minn dak iż-żmien 'l hawn, id-domanda għall-prodotti tal-mogħoż waqfet b'detriment għall-merħliet tal-mogħoż f'pajjiżna.



Mogħoż Maltin



Mogħoż Maltin

# Proċess ta' Trasferimenti għas-Settur tat-Tadam għall-Ipproċessar

Dan l-artiklu nkiteb minn
James Gauci
Manager, Front Office (ARPA)

Din in-nota hija importanti għal kull bidwi li qed jibbenefika minn għajnuna finanzjarja relatata mat-tkabbir tat-tadam għall-ipproċessar.

Xi jrid jiżgura bidwi biex ikun eliġibbli għal din l-għajnuna finanzjarja?

- Għandu jkollu kuntratt mal-proċessur
- Jirreġistra f'ismu l-għelieqi fejn se jkun qed jitħawwel it-tadam mal-Front Office
- Jagħmel talba għall-għajnuna finanzjarja matul il-perjodu tal-applikazzjonijiet

Huwa importanti li jiġu indikati l-għelieqi b'mod korrett u li dak li jiġi indikat eventwalment jiġi mħawwel bit-tadam. Dan sabiex jiġu evitati penalitajiet marbuta ma' dikjarazzjonijiet skorretti. Wara li titlesta l-applikazzjoni, il-bdiewa jingħataw ukoll pjanta bl-għelieqi kollha ddikjarati bit-tadam sabiex ikunu jistgħu jaċċertaw min-naħa tagħhom li l-informazzjoni hija korretta.

Simplifikazzjoni tal-proċess għas-settur tat-tadam għall-ipproċessar:

Matul Jannar ta' kull sena, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali tiftaħ perjodu għall-bdiewa li jkunu jridu jagħmlu tibdil fl-għelieqi li kienu rreġistrati f'isimhom inizjalment. Dan il-perjodu jinfetaħ speċifikament għas-settur tat-tadam għall-ipproċessar u għal dawn il-każijiet bl-iskop li jissimplifika l-proċess għall-bidwi u sabiex il-bidwi jevita li jkollu jħallas penali aktar 'il quddiem.

Barra minn hekk, l-Aġenzija introduċiet sistema għal trasferimenti temporanji. Għelieqi trasferiti taħt din is-sistema, jerġgħu jduru lura fuq min kienu oriġinarjament fl-aħħar ta' kull sena u b'mod awtomatiku. B'hekk tnaqqset il-burokrazija u l-piż fuq il-bidwi.

Huwa importanti li kull bidwi li qed iħawwel it-tadam f'għalqa li ma tinsabx irreġistrata f'ismu, għandu jiżgura ruħu li matul il-perjodu tat-trasferimenti ta' Jannar jagħmel l-arranġamenti meħtiega sabiex jirreġistra dawn l-għelieqi f'ismu.

Huwa importanti li wieħed jifhem li t-tali reġistrazzjonijiet fis-sistema tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, huma speċifikament relatati biss mas-sussidji u bl-ebda mod ma jagħtu xi dritt legali fuq il-proprjetà jew xi dritt ta' passaġġ.



# Il-Kappelli fil-Kampanja Maltija

Dan l-artiklu nkiteb minn
David Bartolo
Riċerkatur tal-Istorja ta' Malta



Fil-ħarġa tal-lum, ħa nagħmlu żjara lill-kappella ta' San Mattew tal-Maqluba, il-Qrendi.



Il-kappella ta' San Mattew tinsab fit-tarf fuq ħofra kbira magħrufa bħala l-Maqluba fir-raħal tal-Qrendi. Dan ir-raħal huwa wieħed mil-lokalitajiet antiki Maltin u jmur lura lejn l-ewwel żminijiet fl-istorja ta'pajjiżna, l-aktar għall-fatt li fih jinsabu t-tempji preistoriċi tal-Imnajdra u ta' Ħaġar Qim. F'din il-lokalità nsibu diversi kappelli oħra minbarra din li ħa nżuru llum.

Ta' San Mattew fiż-żmien kienu żewġ knejjes li ġew magħquda u saru waħda. Dawn huma l-uniċi knejjes ddedikati lil San Mattew fil-gżejjer Maltin. L-ewwel waħda nbniet fiż-żmien Medjevali u hija magħrufa bħala San Mattew iż-Żgħir u l-oħra li hija ikbar isibuha bħala San Mattew il-Kbir. Ta' San Mattew iż-Żgħir aktarx nbniet fis-seklu 15 filwaqt li ta' San Mattew il-Kbir bdiet tinbena fl-1674 u tlestiet fl-1682. Din għandha artal wieħed, u l-kwadru titulari li juri l-martirju ta' San Mattew li sar fl-1688 huwa xogħol iċ-ċelebri artist Taljan Mattia Preti (1613-1699). Din il-kappella kienet ġarrbet ħsarat kbar bil-bombi li waqgħu fuqha fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija fit-12 ta' April, 1942 fejn parti minnha kienet ġġarrfet.



Il-Maqluba hija ħondoq kbir li skont xi wħud gie ffurmat meta sfrundat l-art waqt tempesta u terremot fl-24 ta' Novembru, 1343. Dan il-post huwa ħofra ta' xi 130 pied u t-tul tal-fetħa huwa ta' 330 pied u hija wiegħsa 200 pied.

# Inizjattiva bil-għan li s-servizz tal-Hard Standing ikun aktar effiċjenti

Waqt żjara fil-faċilità tal-hard standing, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd Clint Camilleri ta ċ-ċertifikati lill-erba' ħaddiema li temmew b'suċċess it-taħriġ sabiex ikunu jistgħu joperaw il-paranki. Camilleri stqarr li din il-faċilità tikkontribwixxi ferm, sew għas-sajjied fejn jista' jsewwi u jipprepara d-dgħajsa tiegħu għas-sajd bl-aktar mod konvenjenti, sikur u anke mingħajr spejjeż żejda, kif ukoll għandha sehem biex issostni dan il-mistier tradizzjonali tas-sajd.

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd Clint Camilleri spjega kif wara li saru kuntatti ma' skejjel speċjalizzati fuq l-użu tal-paranki, nġieb Malta għalliem mill-kumpanija Trans Plant Master Train ta' Cornwall fl-Ingilterra u tnieda programm ta' taħriġ intensiv fuq il-paranki tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura. Dan seħħ f'Ġunju 2017 u permezz tiegħu erba' impjegati tal-hard standing tħarrġu sew fit-teorija kif ukoll fil-prattika biex itejbu l-abbiltà tagħhom kif joperaw il-paranki, b'mod sikur, preċiż u effiċjenti. Il-Perit Camilleri spjega kif dan it-taħriġ kien jinkludi wkoll spezzjonijiet u manutenzjoni sempliċi tal-parank kif ukoll enfasi fuq is-saħħa u s-sigurtà fl-operat tal-parank. Wara li temmew it-taħriġ b'suċċess, l-erba' impjegati poġġew għall-eżamijiet tat-teorija u l-prattika, u wara li kien aċċertat li l-erbgħa laħqu l-livell meħtieġ, ġew iċċertifikati bħala operaturi tal-paranki, liema ċertifikat hu validu għal ħames snin.

Minn mindu nbena u nfetaħ il-hard standing, dan ħa importanza kbira mas-sajjieda fejn dawn setgħu jieħdu ħsieb u jsewwu l-bċejjeċ tagħhom lokalment u mingħajr ma jidħlu fi spejjeż żejda. Hawn minflok li d-dgħajjes jinġiebu fuq karrijiet, dawn jintrefgħu b'żewġ paranki, wieħed li jerfa' 250 tunnellata, u ieħor iżgħar li jerfa' 50 tunnellata. Din hi operazzjoni delikata u perikoluża fejn id-dgħajsa tintrefa' permezz ta' ċineg apposta u l-parank jinstaq bid-dgħajsa għal fuq il-post allokat għaliha. L-operatur tal-parank hu responsabbli għal din l-operazzjoni kollha u anke biex iniżżel id-dgħajsa fuq il-post u jirfidha sew. Dan ikun meħtieġ li jiġi msaħħaħ speċjalment kontra rjiħat qawwija li spiss ikollna Malta. B'hekk inħasset il-ħtieġa li jsir taħriġ speċjalizzat fuq dan il-mistier.

Il-ħaddiema li ngħataw iċ-ċertifikati huma:

- Jesmond Baldacchino
- Shaun Bonello
- André Magri
- Adeodato Schembri

L-Onor. Camilleri sostna li hi l-intenzjoni tiegħu li jsaħħaħ din il-faċilità u qal li f'dawn il-ġranet se jinħareġ tender għall-manutenzjoni strutturali tal-paranki biex dawn ikunu jistgħu joperaw għal bosta snin oħra. Dan ix-xogħol mistenni li jsir fis-sajf li ġej, biex jitnaqqas l-inkonvenjent tas-sajjieda. Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd semma wkoll li hemm pjanijiet, biex tiġi żviluppata medda art biswit din il-faċilità biex fuqha tiġi mibnija bitħa ġdida, din id-darba indirizzata prinċiparjament għall-użu minn dgħajjes tas-sajd żgħar. Dan huwa mistenni li jitħaddem fuq linji simili ta' din il-faċilità fejn is-sajjieda jkunu jistgħu jsewwu u jmantnu d-dgħajjes tagħhom f'post attrezzat u sikur.

Barra minn hekk, l-Onor. Clint Camilleri ħabbar li għadu kif ħareġ tender sabiex jinbena uffiċċju tad-Dipartiment tas-Sajd f'Marsaxlokk bil-għan li jkun viċin aktar tas-sajjieda.




Photo - DOI - Clifton Fenech

Ċertifikati mogħtija lill-ħaddiema

# Extension Services Annimali

Dan l-artiklu nkiteb minn
Karl Joseph Micallef
Uffiċjal Agrikolu fi ħdan id-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività

Is-sezzjoni tal-annimali tal-Extension Services taqa' fi ħdan id-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività. Ta' min jinnota li l-Extension Services m'għandux skop jew setgħa regolatorja imma biss biex iservi ta' gwida u għajnuna għal diversi bdiewa, raħħala u għaqdiet li jirrappreżentawhom.

Fost l-għanijiet li għandu dan l-uffiċċju nsibu:

- li jservi ta' pont bejn ir-raħħala u l-entitajiet governattivi
- Li jassisti lill-għaqdiet tal-produtturi
- Li jesplora kif ir-raħħala Maltin u Għawdxin jistgħu jtejbu l-operat u l-effiċjenza tagħhom.

Fuq dawn l-għanijiet, bħalissa għaddej studju bejn dan l-uffiċċju u diversi rziezet tal-baqar kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Dan qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Koperattiva Produtturi tal-Ħalib (KPH). L-għan ta' dan il-proġett hu li jiġi esplorat kif dawn ir-raħħala jistgħu, bi sforzi minimi, itejbu l-effiċjenza u l-operat tagħhom.

Tul dan il-proġett qed tinġabar informazzjoni mingħand ir-raħħala direttament fuq l-irziezet waqt diversi żjarat li jsiru fuq il-post mar-raħħal kif ukoll ma' membri tal-KPH. Din l-informazzjoni tinkludi, informazzjoni nutrittiva, produzzjonali, kif ukoll amministrattiva ta' kull razzett. Wara li din l-informazzjoni tinġabar, tiġi analizzata u jiġi ġġenerat rapport dettaljat dwar id-dħul u l-infiq ta' kull razzett. Dan kollu qed isir biex fuq tul ta' żmien, ir-raħħala jsiru aktar konxji ta' prattiċi aktar effiċjenti fl-operat tar-razzett tagħhom.

L-Uffiċċju qed jippjana li proġetti simili jsiru wkoll ma' setturi oħra fil-produzzjoni tal-annimali.



Parir lill-bdiewa fuq l-irziezet

Raħħala jew għaqdiet li jixtiequ aktar informazzjoni dwar is-servizzi ta' dan l-uffiċċju jistgħu faċilment jagħmlu dan permezz tat-telefown 22924557

jew permezz ta' email fuq extensionservices.mesdc@gov.mt

# Extension Services Biedja

Dan l-artiklu nkiteb minn
John Baptist Cassar
Uffiċjal Agrikolu Prinċipal fi ħdan id-Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività

L-uffiċċju tal-Extension Services ġewwa l-Għammieri beda jipprovdi pariri tekniċi b'xejn għall-bdiewa minn Ġunju 2017.

Il-pariri jingħataw minn uffiċjali agrikoli mħarrġa f'setturi diversi tal-biedja permezz tat-telefown, bl-email, billi jiġu jżuruk fl-għalqa jew fuq ir-razzett, kif ukoll permezz ta' serje ta' laqgħat mifruxin matul is-sena.

Fost il-pariri li qed jingħataw insibu:

1. Pariri dwar kif ittejjeb il-kwalità tal-prodotti bħal:

- Kontroll tal-insetti jew mofof.
- Ħsara fuq il-frott mix-xemx.
- Żbir u tilqim selettiv.
- Tisqija nieqsa jew żejda.
- Bżonnijiet nutrittivi tas-siġar u tal-pjanti.
- Preparazzjoni tal-art għal uċuħ godda.

2. Suġġerimenti kif għandhom jiġu applikati u mmaniġġjati t-tisqija, il-fertilizzanti, il-pestiċidi u sustanzi oħrajn bħal:

- X'tip ta' fertilizzant għandu jintuża, id-doża u l-mod kif għandu jiġi applikat.
- X'tip ta' bexx għandu jintuża, id-doża u kif għandu jiġi applikat.
- L-użu tan-new water – l-ilma riċiklat għal użu agrikolu.

3. Għajnuna biex issolvi diffikultajiet oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-biedja bħal:

- Kumpens għan-nixfa.
- Problemi mal-awtoritajiet, entitajiet pubbliċi jew parastatali.
- Miżuri agroambjentali.

Ma' dan kollu, l-Extension Services qed jaħdem fuq diversi inizjattivi biex jiġu identifikati problemi komuni mas-settur kollu, kif ukoll fuq inizjattivi biex jingħata t-taħriġ neċċessarju lill-uffiċjali u lill-bdiewa minn esperti lokali u/jew barranin. Barra minn hekk, qed inkomplu niltaqgħu mal-bdiewa fl-għelieqi tagħhom, kif ukoll f'laqgħat organizzati apposta b'tema speċifika.



Bidwi qed jingħata parir fuq l-għalqa



Uffiċjal joffri parir lill-bidwi ġos-serra

Kull min jixtieq jagħmel użu minn dan is-servizz jista' jikkuntattjana b'dawn permezz tat-telefown 22924557

jew permezz ta' email fuq extensionservices.mesdc@gov.mt

Jew billi tniżżel u timtela l-formola mis-sit elettroniku tal-Ministeru fuq din il-link http://agriculture.gov.mt/en/agric/Documents/DCD/requestForExtensionServices/Extension%20Services%20Request%20Form.pdf

u tintbagħat bl-idejn jew bil-posta fuq dan l-indirizz Uffiċċju tal-Extension Services, Għammieri, Triq l-Ingiered, Marsa, MRS3303

# Riċetti ta' Karmen Tedesco



Temperatura tal-forn: 180°C

Ingredjenti

- 800gr brunġiel
- Bajda
- 50-75gr frak tal-ħobż ismar
- 2 mgħaref ġobon maħkuk jew ġbejniet maħkuka
- 2 mgħaref tursin imqatta'
- Sinna tewm
- Zalza tat-tadam biex isservi

Metodu

Poġġi l-brunġiel ġo dixx tal-forn u sajjarhom għal 45 minuta.

Qalla' l-qalba biċċiet u magħha żid il-frak tal-ħobż, il-bajda, il-ġobon jew il-ġbejniet, it-tursin u sinna tewm misħuqa.

Ħawwad kollox flimkien b'furketta sakemm l-ingredjenti jitħalltu sew.

Ħu porzjonijiet bil-molla tal-ġelat u tifforma pulpetti.

Poġġihom fuq tilar tal-forn ftit mbegħdin minn xulxin.

Sajjar ġo forn li tkun saħħant minn qabel għal 35 minuta.



Temperatura tal-forn: 180°C, 3500°F, Gas Mark 4

Ingredjenti

- 4 isdra tat-tiġieġ
- 200gr irkotta
- 4 nofsijiet tat-tadam imqadded
- 2 mgħaref ġobon maħkuk
- Nofs bżaru aħmar
- 3 mgħaref tursin
- 3 sinniet tewm
- Kuċċarina trab tal-mustarda
- 4 mgħaref ħall

Metodu

Ħawwad flimkien l-irkotta, it-tadam imqadded, il-ġobon maħkuk u l-bżaru aħmar.

Imla kull sider bit-taħlita.

Sajjar għal 60 minuta.

Ħawwad flimkien it-tursin, it-tewm, il-mustarda u l-ħall u sajjar fuq nar bati.

## Aktar minn miljun ewro fondi biex tittejjeb il-kwalità tal-ħamrija u l-biedja organika

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej ħabbar żewġ miżuri mmirati sabiex jgħinu lill-bdiewa fl-immaniġġjar u l-konservazzjoni tal-ħamrija kif ukoll għall-konverżjoni ta' prattiċi u metodi organiċi.

Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri qal li taħt l-ewwel miżura (Soil Management) qed tingħata għajnuna ta' €213.75 għal kull tomna fis-sena, bil-mira li l-livell ta' materja organika fil-ħamrija tilħaq it-3% sal-aħħar tat-terminu tal-kuntratt ta' ħames snin. Dan filwaqt li għat-tieni miżura (Organic Practices) qed tingħata għajnuna ta' €135 għal kull tomna matul l-ewwel sentejn sa tliet snin tal-perjodu ta' konverżjoni.

Mill-ewwel miżura jistgħu jibbenefikaw madwar 500 bidwi fejn ser jieħdu bejniethom madwar miljun ewro. Il-prattika tal-biedja organika toffri diversi benefiċċji; kemm ambjentali kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem. Taħt din it-tieni miżura hemm allokati madwar mija u sebgħin elf ewro kofinanzjati minn fondi Ewropej.

L-Onor. Camilleri ħeġġeġ lill-bdiewa li huma interessati biex japplikaw għal dawn il-fondi sabiex jingħataw għajnuna kemm għall-Immaniġġjar u l-Konservazzjoni tal-Ħamrija kif ukoll għall-Prattiċi u għall-Metodi tal-Biedja Organika.

## Aktar Informazzjoni

L-ewwel miżura hija mmirata għall-Implimentazzjoni ta' Pjan ta' Mmaniġġjar u Konservazzjoni tal-Ħamrija (Soil Management). Din hija skema li taqa' taħt il-Miżura 10.1 tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020, tikkonċerna pagamenti għall-impenji agroambjentali klimatiċi, imsejħa fil-qosor AECM 5, u tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-bdiewa sabiex jimplimentaw pjan ta' mmaniġġjar u konservazzjoni tal-ħamrija. L-għan ewlieni ta' din l-iskema huwa li sservi ta' inċentiv sabiex il-bdiewa jimplimentaw pjan ta' mmaniġġjar u konservazzjoni tal-ħamrija li għandu jindirizza tliet riskji ewlenin għall-ħamrija: l-erożjoni, it-tirsis, u l-livell baxx ta' materja organika fil-ħamrija.

Talbiet għall-għajnuna taħt din l-iskema se jerġgħu jintlaqgħu wkoll fis-sena 2019, u d-dati tal-perjodu tas-sejħa 2019 se jkunu mħabbra għal min hu interessat.

It-tieni miżura hija Pagament għall-Konverżjoni għal Prattiċi u Metodi tal-Biedja Organika (Organic Practices). Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri qal li mhuwiex faċli li l-biedja organika tirnexxi f'Malta minħabba d-daqs żgħir tal-għelieqi u l-azjendi frammentati, fatturi li jagħmluha iebsa ħafna li tiġi evitata l-kontaminazzjoni minn prattiċi agrikoli li jitwettqu fl-għelieqi tal-viċinanzi. Għalhekk, il-ksib ta' status organiku f'Malta mhuwiex kompitu faċli. Madankollu, hemm xi bdiewa li għadhom interessati li jkomplu b'din il-konverżjoni. Din is-sotto miżura toffri l-għażla lill-bdiewa interessati fil-biedja organika li jikkonvertu parti mill-produzzjoni tagħhom (jew il-produzzjoni tagħhom kollha) għall-prattiċi tal-biedja organika. Il-konverżjoni teħtieġ iż-żmien, sabiex tistabbilixxi sistemi ta' operazzjonijiet kif ukoll biex tikseb l-appoġġ konsultattiv u t-taħriġ biex issir il-biedja organika.


Photo - MESDC - Joseph Mercieca

Aktar minn miljun ewro fondi biex tittejjeb il-kwalità tal-ħamrija u l-biedja organika

# Prodott ta' Kwalità

*Titwettaq wegħda elettorali oħra bit-tnedija tal-iskema Prodott ta' Kwalità. Il-Marka ta' Kwalità se tkun garanzija li l-prodott ġie verament magħmul bl-aktar mod trasparenti u li fil-produzzjoni tiegħu ntlaħqu standards ogħla minn dawk li huma rekwiżiti mil-liġi.*

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri nieda l-iskema Prodott ta' Kwalità. Din kienet wegħda elettorali ta' dan il-Gvern u waqt it-tnedija, l-Onor. Camilleri qal li l-Gvern dejjem emmen f'politika ta' kwalità għall-prodotti agrikoli f'Malta għax jemmen fit-tjubija intrinsika ta' ħafna mill-prodotti ta' pajjiżna. Huwa għalhekk li bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Agrikoltura ħadem bis-sħiħ sabiex jassigura li din il-politika tiġi implimentata biex kemm il-konsumatur kif ukoll il-produttur jibdew jiggwadanjaw.

B'sodisfazzjon, l-Onor. Camilleri ħabbar kif għall-ewwel darba f'pajjiżna rnexxielna nestabbilixxu skema ta' kwalità għall-prodotti agrikoli f'Malta u mill-Ħamis 18 ta' Jannar 2018 il-bdiewa u r-raħħala setgħu jibdew japplikaw għal din l-iskema.

Il-Perit Camilleri qal li sabiex twettqet din il-politika, il-Gvern bena struttura legali kif ukoll amministrattiva biex il-politika tkun imfassla fuq proċess miftuħ u li jiggarantixxi verament prodotti li fihom valur. Fit-tmun ta' din l-istruttura hemm id-Direttorat tal-Agrikoltura li ħadem u ser jibqa' jaħdem sabiex dan il-proġett ikompli jiġi mwettaq.

## Xi tfisser il-Marka ta' Kwalità?

Marka ta' Kwalità hija garanzija lil min qed jixtri li dak li qiegħed jinxtara jilħaq l-istandards minimi Ewropej li l-prodott Malti kollu għandu jilħaq. Iżda mhux biss għax ifisser li fih ukoll ċerti kwalitajiet, fil-mod kif ġie kkultivat jew imrobbi, trattat, imwassal jew ippakkjat, li jagħtu ċertezza li qed jitwassal f'mod li joħroġ it-tjubija kollha tiegħu b'serħan il-moħħ dwar il-proċess kollu. Jistgħu jkunu kwalitajiet marbutin mat-togħma, mal-ingredjenti jew mad-dehra tiegħu, kundizzjonijiet ambjentali milħuqa fil-proċess, jew saħansitra kontribut soċjali li ċertu



marka ta' prodott jew prodotti tagħti lura lill-komunità. Il-fattur ċentrali wara politika ta' kwalità jibqa' li jippremja bi prezz aħjar lill-produttur li jagħmel sforz akbar, u li jagħti trasparenza lill-konsumatur.

Il-kwalità tiġi murija lill-konsumatur għalhekk permezz ta' Marki ta' Kwalità, iżda kwalità mhijiex sempliċiment tikketta li titwaħħal ma' prodott bla ma tħares lejn x'jagħmlu speċjali. Marka ta' Kwalità hija mezz ta' protezzjoni għall-prodotti u produtturi ġenwini. Marka ta' Kwalità trid tkun qed tassigura li prodott ġie verament magħmul bl-aktar mod trasparenti u li fil-produzzjoni tiegħu ntlaħqu standards ogħla minn dawk li huma rekwiżiti mil-liġi.

Is-Segretarju Parlamentari sostna li b'din il-marka ser nagħtu spinta kbira lil dawk kollha li diġà llum jaħdmu b'mod professjonali u sostenibbli kif ukoll inħajru biex jagħmel dak il-pass żejjed lil min verament irid ibigħ prodott li nistgħu nkunu kburin bih. Il-Perit Camilleri kompla jispjega li sabiex it-twettiq ta' din il-politika jkun sostenibbli u tkun tista' taħdem b'mod indipendenti, ġie assigurat li kull min jipparteċipa fit-tħejjija ta' Marka ta' Kwalità jkun jista' jibbenefika minn fondi Ewropej. B'dan il-mod mhux biss tingħata l-possibbiltà lill-produtturi Maltin jadottaw prattiċi bi standards għolja iżda wkoll ikollna Marka ta' Kwalità li tkun rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea.

Min-naħa tiegħu Marco Dimech, mid-Direttorat tal-Agrikoltura ta preżentazzjoni fuq il-qafas legali tal-iskema, l-isforz li ser jagħmel il-Gvern biex jippromwovi prodotti li jakkwistaw din il-marka kif ukoll kif ser ikun garantit li l-prodotti li jaqgħu taħt din il-marka jkunu tassew laħqu standards ogħla minn dawk li huma stabbiliti mil-liġi. Spjega li bħalissa qiegħed jiġi kkonsultat mill-qrib is-settur tal-ħalib, tal-għasel, tal-laħam tal-majjal u tat-tadam tal-ipproċessar.

L-Onor. Clint Camilleri temm jgħid li saret ħidma wkoll sabiex ikun megħjun is-settur agrikolu fil-promozzjoni tal-prodotti ta' kwalità u għaldaqstant, ser tibda kampanja pubbliċitarja sabiex tiġi komunikata u promossa din l-iskema mal-konsumaturi Maltin kollha.



Photo - DOI - Kevin Abela

Tnedija tal-iskema Prodott ta' Kwalità

# Razez Domestiċi Maltin
# Il-Baqra Maltija

Il-Baqra Maltija hija l-ikbar annimal domestiku Malti li jista' jiġi kkunsidrat bħala uniku għall-gżejjer Maltin. Bosta jirreferu għaliha bħala l-Gendus, imma dan l-isem huwa żbaljat għax dan jirreferi għal oxen, barri/għoġol imsewwi, li mhux tajjeb għat-tgħammir. Il-kelma 'Barrija', li dan l-aħħar ġiet użata fuq siti onlajn, hija wkoll żbaljata. Fil-passat antik ħafna kienet tirreferi għall-baqra tax-xogħol skont xi studjużi. Għal skop ta' kjarifikazzjoni, il-mara tal-barri hija l-baqra, il-Gendus huwa barri msewwi, għalhekk il-mara tiegħu tibqa' baqra. Għoġla hija l-femminili ta' għoġol. Għoġol jista' jkun barri żgħir sa sentejn, u baqra li qatt ma kellha frieħ jgħidulha Erħa. L-istess jingħad għal baqra li hi ħobla għall-ewwel darba jew kellha ferħ darba, u komunità ta' għoġġiela żgħar li qatt ma tgħammru jissejħu ksiba, għax bis-saħħa ta' hekk dawn qed jiksbu l-futur tar-razza tal-bovini.

Raħħala li għadhom ħajjin u jiftakru l-ġenerazzjonijiet ta' qabilhom, jafu b'din ir-razza, li fl-antik kienet popolari ħafna għax kienu jaħdmu l-art/ir-raba' biha, bil-baqar Maltin, u mhux bil-barrin. Minn dejjem kienet magħrufa bħala l-Baqra Maltija. Tajjeb li niftakru li sal-bidu tas-snin 50, il-baqar kienu ferm inqas popolari mill-mogħoż għall-ħalib. Kien bis-saħħa tal-Prim Ministru Mintoff li bdew deħlin il-baqar tal-ħalib f'Malta, meta kien beda jġib minn barra, mill-Amerka u mill-Jugoslavja, u jpartat il-baqar mal-mogħoż. Dan ikompli jsostni li l-baqar li kien hawn qabel ma kellhomx taħlit ġenetiku ma' baqar ta' barra għal ħafna sekli ta' qabel.

Il-karatteristika tal-Baqra Maltija hija kbira, b'lewn ħamrani u kanella skur, fejn il-barri adult/matur ikollu rasu (ħlief fuq il-moħħ, fuq imnieħru u widnejh li jibqgħu kanella), sidru u spallu skuri ħafna kważi suwed, filwaqt li l-baqra tibqa' ta' lewn wieħed fuq il-kanella. Ir-razza kienet tajba għax-xogħol tar-raba'. Skont enċiklopediji tal-baqar tad-dinja, jeżistu razez ta' baqar simili, imma ma jidhirx li hemm deskrizzjoni ċara tagħha. Madanakollu, hija uffiċjalment rikonoxxuta madwar id-dinja bħala razza indiġena lokali, u saħansitra hemm sussidji mill-fondi Ewropej.

L-iskop li kellha l-Baqra Maltija, li huwa l-użu tagħha bħala moħriet kbir fir-raba', wassal għal kważi l-estinzjoni ta' din ir-razza. Minħabba l-fatt li t-tractors ħadu postha, ma kienx baqa' skop għaliha. Kien baqa' razzett wieħed sas-sena 1990, ta' Pawlu Saliba magħruf ta' Flusu miż-Żejtun, li għandu r-razzett f'Wied il-Għajn. Kien baqagħlu tliet nisa u raġel. Fl-istess żmien il-barri miet u s-Sur Vince Parnis ħa ħsieb li din ir-razza ma tinqeridx billi għamel riċerka estensiva tal-eqreb razza lokali biex ġab l-isperma ta' barrin biex jgħammar dawn l-aħħar baqar Maltin. L-isperma li intużat hi ta' barri Chianina, sabiex inġieb lura l-barri ta' din ir-razza. Skont esperti tal-baqar lokali, il-popolazzjoni ċkejkna tal-Għammieri huma kollha ġenetikament fis-sitt ġenerazzjoni u iktar 'F6 plus', allura jistgħu jiġu kkunsidrati puri. Huma baqar u barrin ġenetikament tajbin ħafna. Is-sors oriġinali huwa mir-razzett ta' Marsaskala, u llum il-baqra Maltija hija mifruxa żgur fir-razzett oriġinali ta' Pawlu ta' Flusu, fl-Għammieri f'Malta, u fl-Għammieri f'Għawdex, apparti xi waħdiet f'kollezzjonijiet privati. Fl-antik kien hawn ħafna li kellhom din ir-razza għax kellha użu importanti ħafna.





Dan l-artiklu nkiteb minn
Arnold Sciberras u Jeffrey Sciberras
Riċerkaturi fuq il-bijodiversità.

Jista' jkun l-oriġini tal-Baqra Maltija tmur lura għal żmien il-Kavallieri, u anke l-preistorja, fit-tempji ta' Ħal Tarxien, u ta' Ħal Saflieni, għax hemm imnaqqax barri mal-ħitan.

Il-futur mixtieq ta' din ir-razza hi li l-esperti lesti li jagħmlu kollezjoni ta' sperma tal-aħjar barrin li jeżistu lokalment biex żgur ma tintilifx ir-razza Maltija. Għalkemm l-iskop oriġinali ta' dan l-annimal spiċċa, xorta għandna nikkonservaw din ir-razza għax hija wirt dinji b'endemiżmu lokali, parti mil-istorja tagħna, u ma tistax tgħid fil-futur xi skop jew valur ġenetiku jista' jkollha. L-istorja ta' din ir-razza hi waħda kemxejn twila u apparti li se ssib ruħha fil-ktieb li qed jiktbu l-awturi preżenti fuq ir-razez Maltin, Parnis fil-ġejjieni għandu jipprovdilna ktieb iddedikat biss għal din ir-razza fuq ix-xogħol kontinwu li għamel fuq din ir-razza biex isalvaha mill-estinzjoni.

Ħajr lil Vince Parnis tal-informazjoni li għaddieli fuq il-Baqra Maltija u lil Melcior Debono fuq l-għajnuna li dejjem tani fuq dan is-suġġett. Ħajr lil Frank I. Caruana tar-reviżjoni u l-kummenti fuq dan l-artiklu.

Għal aktar informazjoni nħeġġukom iżżuru l-paġna https://www.facebook.com/Columbatopia/



Baqra bl-għoġol ġewwa l-Għammieri

# AECM5 (RDP)

Dan l-artiklu nkiteb minn
Malcolm Vassallo
Senior Manager, ARPA

Miżura għall-Implimentazzjoni ta' Pjan ta' Ġestjoni u Konservazzjoni tal-Ħamrija (AECM 5)

F'din il-ħarġa ta' Nisġet Artna se nagħtu aġġornament fir-rigward tat-tnedija ta' skema oħra taħt il-Miżura 10.1 tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020 li tikkonċerna pagamenti għall-impenji agroambjentali klimatiċi. Din l-iskema, imsejħa fil-qosor AECM 5, tipprovdi għajnuna finanzjarja lill-bdiewa sabiex jimplimentaw pjan ta' ġestjoni u konservazzjoni tal-ħamrija.

L-għan ewlieni ta' din l-iskema huwa li sservi ta' inċentiv sabiex il-bdiewa jimplimentaw pjan ta' ġestjoni u konservazzjoni tal-ħamrija li għandu jindirizza tliet riskji ewlenin għall-ħamrija: l-erożjoni, it-tirsis, u l-livell baxx ta' materja organika fil-ħamrija. Dan il-pjan għandu jiġi mfassal u ffirmat minn persuna kompetenti li tista' tinstab mil-lista ppubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità Kompetenti, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti (https://agriculture.gov.mt/en/phd/Pages/registeredAdvisors.aspx).

Ir-rata ta' għajnuna li qed tiġi offruta minn din il-miżura hija ta' ftit aktar minn €200 għal kull tomna fis-sena, jew madwar €1900 għal kull ettaru fis-sena bil-mira li l-livell ta' materja organika fil-ħamrija tilħaq it-3% sal-aħħar tat-terminu tal-kuntratt ta' 5 snin. Huwa importanti li wieħed jinnota li sabiex bidwi jkun eliġibbli għal din l-għajnuna, irid ikollu mill-inqas tomna ta' raba' li tinħadem, u l-livell tal-materja organika m'għandux ikun ta' anqas minn 2%. Għaldaqstant, meta bidwi jissottometti l-applikazzjoni għall-ħlas tiegħu fl-ewwel sena, irid jinkludi mat-talba r-riżultat tal-ittestjar tal-ħamrija li għandu juri livell ta' materja organika ta' 2% jew aktar. It-tali ttestjar għandu jitwettaq minn istituzzjonijiet jew entitajiet li huma approvati mill-Awtorità Kompetenti msemmija aktar 'il fuq.

## Il-Perjodu tas-Sejħa

Il-perjodu tas-sejħa għal din l-iskema kien miftuħ bejn it-29 ta' Jannar 2018 u t-23 ta' Frar 2018. Matul dan il-perjodu, il-Front Office tal-Aġenzija laqa' t-talbiet ta' kull min huwa interessat f'din l-iskema. Talbiet għall-għajnuna taħt din l-iskema se jerġgħu jintlaqgħu fis-sena 2019, u d-dati tal-perjodu tas-sejħa 2019 se jkunu mħabbra għal kull min jista' jkollu interess.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-bdiewa li se jibbenefikaw mill-għajnuna taħt dawn l-iskemi agri-ambjent-klima, se jkollhom jibqgħu konformi mal-obbligi għal perjodu ta' ħames snin. F'każ illi dan ma jsirx, il-flus kollha mogħtija jistgħu jiġu miġbura lura mill-Aġenzija għall-Pagamenti.

## Aktar Informazzjoni

Kull min hu interessat sabiex jibbenefika minn għajnuna taħt l-AECM 5 huwa mħeġġeg sabiex iżur is-sit tal-Awtorità ta' Ġestjoni www.eufunds.gov.mt minn fejn jistgħu jitniżżlu l-Linji Gwida rilevanti li jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar din l-iskema.

Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll iżur jew iċempel il-Front Office fuq 22 92 61 48 (Malta) jew 22 15 69 74 (Għawdex), jew jibgħat email lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fuq arpa.mesdc@gov.mt, jew lill-Awtorità ta' Ġestjoni fuq rdd.meae@gov.mt.

# Aktar Għotjiet lill-NGOs

Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri ta għotjiet lill-Għaqdiet Mhux Governattivi li qed jgħinu fl-addozzjonijiet tal-annimali. Dawn l-NGOs jieħdu ħsieb li jiċċekkjaw u jagħmlu l-verifiki tagħhom dwar l-ambjent li fih ikunu sejrin l-annimali li jiġu addottati mill-animal welfare sabiex jassiguraw li qegħdin jgħixu f'post fejn jixraqilhom u għalhekk huma mħarsa sew. L-NGOs jibqgħu jsegwu l-annimali anke wara li jiġu addottati.

Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri qal li l-ammont totali li ngħata jlaħħaq is-€17,650 u l-NGOs li qed jibbenefikaw minn dawn l-għotjiet huma Tomasina, CSAF, AAA, Island Sanctuary u Noah's Ark. Il-ħames NGOs li qegħdin jibbenefikaw, iċċekkjaw u għamlu l-verifiki dwar l-annimali addottati fil-perjodu bejn April u Settembru 2017.

L-Onor. Clint Camilleri rringrazzja lil dawn l-Għaqdiet tax-xogħol siewi li jagħmlu favur il-ħarsien tal-annimali u enfasizza fuq l-importanza tal-ħidma bejn l-Għaqdiet Mhux Governattivi u d-Direttorat responsabbli mill-Animal Welfare.

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jservi bħala intermedjarju fi proċess għall-Għaqdiet Mhux Governattivi li jaħdmu mal-annimali sabiex jipprovdu post permanenti għal dawn l-annimali. Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali rringrazzja lil dan id-Direttorat li jipprovdi l-kura neċessarja u post għall-annimali li jisfaw vittmi ta' krudeltà, jew ikunu mweġġgħin jew abbandunati sakemm dawn jittieħdu minn NGOs differenti meta tinstabilhom dar, jiġifieri meta jiġu addottati.

Bħalissa NGOs qegħdin jibbenefikaw minn ħlasijiet skont it-tabella t'hawn taħt sabiex ikunu jistgħu jiċċekkjaw u jivverifikaw li l-annimali addottati huma mħarsa u trattati tajjeb. Il-ħlasijiet ivarjaw skont l-annimal addottat, minn ġriewi li għalihom jingħataw €50 sa klieb anzjani li għalihom jingħataw €130.


Photo - MESDC - Joseph Mercieca

Aktar għotjiet lill-NGOs

Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri ħeġġeġ aktar Għaqdiet Mhux Governattivi sabiex jimxu fuq il-pass ta' dawn l-NGOs u jgħinu fil-proċess tal-addozzjoni tal-annimali. Huwa fakkar kif il-Gvern wiegħed li se jagħti importanza u jilħaq il-miri f'dan is-settur u għalhekk huwa kommess li jgħin anke b'sostenn finanzjarju lill-Għaqdiet Mhux Governattivi li jagħtu sehemhom. Temm jgħid li l-għotjiet li ngħataw illum dawn l-NGOs huwa eżempju wieħed ta' għajnuna li qiegħda tingħata lill-Għaqdiet Mhux Governattivi bħala rikonoxximent tal-isforz u l-kontribuzzjoni valida u effettiva li jagħmlu fis-settur.

| | |
|---|---|
| Il-qtates kollha | €70 |
| Ġriewi sal-età ta' 6 xhur | €50 |
| Kelb żgħir sa 10kgs (bħal razez imħalltin, Chihuahuas, Poodles, Pugs, Yorkshires, eċċ) u għandu inqas minn 7 snin | €70 |
| Kelb ta' daqs medju sa 27kgs (bħal razez imħalltin, Fox Terriers, Springer Spaniels, eċċ) u għandu inqas minn 7 snin | €90 |
| Kelb kbir 'il fuq minn 27 kgs (bħal razez imħalltin, Rottweilers, Alaskan Malamutes, Sharpei, German Pointer, English Pointer, Siberian Husky, eċċ) u għandu inqas minn 7 snin | €110 |
| Klieb 'il fuq minn 7 snin irrispettivament mid-daqs u mir-razza | €130 |

# Sħana u Ġugarelli: Riċerka fis-Settur tal-Majjal f'Malta

Is-settur tal-majjal huwa ħolqa importanti fil-katina tal-ikel lokali u għalhekk studenti miċ-Ċentru tal-Agrikoltura, l-Akkwatika u x-Xjenzi tal-Annimal fi ħdan l-MCAST jaħsbu biex jinvestigaw u jaraw kif jistgħu jgħinu lil dan is-settur permezz ta' riċerka applikata. Dan l-aħħar, żewġ studenti Jean Claude Zahra u Jonathan Zammit għamlu riċerka f'aspetti relatati ma' dan is-settur. Speċifikament investigaw kif jista' jissaħħan il-post fejn jinżammu l-qżieqeż żgħar u liema huwa l-aħjar ġugarell li għandu jingħata lill-qżieqeż biex jgħaddu l-ħin.

Fl-ewwel riċerka msemmija ġew ikkumparati l-effetti fuq is-saħħa tal-annimal u fuq l-ekonomija tar-razzett, taż-żewġ tipi ta' heaters li jintużaw fl-irziezet tal-ħnieżer biex isaħħnu l-qżieqeż żgħar fl-ewwel xahar ta' ħajjithom. Il-heaters li ġew użati fl-istudju huma l-lampa tas-sħana li bl-Ingliż nirreferu għaliha bħala 'infrared lamp' li tarmi s-sħana minn fuq, u t-tapit tas-sħana li bl-Ingliż ngħidulu 'heat mat' li jarmi s-sħana minn taħt. Minn dan l-istudju nstab li m'hemmx differenza fuq is-saħħa tal-annimal, it-tnejn li huma jsaħħnu sew u jżommu t-temperatura li hemm bżonn biex il-qażquż jgħix b'saħħtu u jikber tajjeb. Kien hemm, però, differenza fil-konsum tal-elettriku. Il-lampa tas-sħana taħli aktar dawl peress li tibqa' mixgħula l-ħin kollu u minħabba li għandha wattage għoli. It-tapit tas-sħana għandu wattage aktar baxx u jaqta' s-sħana permezz ta' thermostat. Din id-differenza tinħass aktar jekk il-post ikun insulat u għalhekk it-temperatura ta' barra ma tantx taffettwa lil dik ta' ġewwa. Però ħafna mill-irziezet Maltin huma mibnija bil-ġebla tal-franka li ma taqtax il-kesħa ta' barra fix-Xitwa peress li tixrob l-umdità tal-arja u tixxarrab bix-xita. Differenza oħra bejn it-tnejn hija l-prezz oriġinali tagħhom. Il-lampa tas-sħana tiswa inqas mit-tapit tas-sħana biex tixtriha imma kultant żmien tkun trid tbiddel il-bozza. Meta investiga kollox,



Dan l-artiklu nkiteb minn
Joseph Jason Abela
Lecturer fiċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwatika, u Xjenzi tal-Annimali

ir-riċerkatur seta' jikkonkludi li jekk wieħed jinvesti fit-tapit tas-sħana jaqbillu aktar għax jista' jiffranka madwar €10 kull ċiklu ta' majjala.

It-tieni riċerka kienet relatata mal-ġugarelli li nistgħu nagħtu lill-qżieqeż biex jgħaddu l-ħin. Ta' min wieħed jgħid li l-ħanzir hu annimal soċjevoli u jħobb jgħix fi gruppi. Dan jista' jwassal għal diżgwid bejn l-istess ħnieżer u għalhekk ir-raħħal jagħti ġugarelli addattati għalihom biex jgħaddu l-ħin u allura jnaqqas dan id-diżgwid. F'din ir-riċerka ġie investigat jekk il-ġugarell għandux ikollu ikel ġo fih jew jekk għandux ikun ġugarell li jagħmel ħoss. Il-ġugarelli li s-soltu jintużaw f'livell kummerċjali ma jkollhomx ikel fihom. Ir-riċerka li saret fuq qżieqeż ta' bejn 3 u 6 xhur sabet li meta l-ġugarelli ġew introdotti fil-qatgħa, it-tnejn li huma ħolqu interess, għalkemm il-qżieqeż għall-bidu beżgħu mill-ġugarell li beda jagħmel ħoss. Fl-ewwel ġimgħat l-aktar ġugarell li wrew interess fih kien dak tal-ikel, imma peress li l-annimali jkollhom aċċess għall-ikel il-ħin kollu malajr tilfu l-interess f'dan il-ġugarell. Il-qżieqeż żammew lura mill-ġugarell tal-ħoss fl-ewwel ġimgħa, imma mat-tieni ġimgħa bdew jidrawh u kien l-aktar ġugarell li użaw. Dan wassal għall-konklużjoni li jekk dawn l-annimali jingħataw ġugarell li jagħmel ħoss, huma jkunu aktar mehdija u allura l-funzjoni tal-istess ġugarell jintlaħaq b'aktar suċċess.

Peress li l-ħanżir huwa annimal kurjuż il-ġugarell jista' jinbidel kull ġimgħa jew tnejn ħalli jiżdied l-interess. Dan kollu jwassal biex il-qżieqeż ikunu aktar kuntenti, jgħixu komdi u b'anqas stress.

Ir-raħħala għandhom għal qalbhom l-annimali li jrabbu u lesti jagħtuhom dak kollu li hemm bżonn. Din it-tip ta' riċerka tgħinhom jagħmlu deċiżjonijiet għaqlin li jaffettwaw kemm lill-annimal li jrabbu kif ukoll lil buthom.







Ġugarell li jaghmel il-ħoss u ġugarell ta' l-ikel



Ġugarell tal-ħoss minn ġewwa

Dan l-artiklu nkiteb minn
Christopher Farruġia
Compliance and Enforcement Officer (Timber Control)

## Il-Liġi tal-EUTR Nru. 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 t'Ottubru 2010

Ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar l-Injam (EUTR) jipprojbixxi t-tqegħid ta' injam maħsud b'mod illegali fis-suq Ewropew fi sforz biex jiġġieled il-problema tal-qtugħ illegali tas-siġar madwar id-dinja. Jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti li l-kumpaniji fl-Ewropa għandhom jilħqu biex inaqqsu r-riskju li injam illegali jiġi nnegozjat u ċċirkulat fis-suq Ewropew inkluż dak Malti.

B'mod speċifiku, ir-Regolament jitlob li kumpaniji jew operaturi li jqiegħdu l-injam jew prodotti tal-injam fis-suq Ewropew (kemm importati minn pajjiżi terzi, kif ukoll domestiċi) jimplimentaw Sistema ta' Diliġenza Dovuta (DDS). L-EUTR ikopri firxa wiesgħa ta' prodotti tal-injam, fosthom prodotti tal-injam solidu, għamara, plywood u karta.

Il-kumpaniji li jinnegozjaw prodotti tal-injam fi ħdan l-UE huma responsabbli biex iżommu rekords tal proċess kollu li jinvolvi l-injam.

## Elementi Ewlenin tal-EUTR - Sistema ta' Diliġenza Dovuta (DDS)

Is-Sistema ta' Diliġenza Dovuta tal-EUTR (DDS) tinkludi tliet elementi biex jitnaqqas ir-riskju li l-prodotti tal-injam jiġu minn sorsi illegali. Id-DDS tobbligu bil-liġi li l-operaturi li jpoġġu injam jew prodotti tal-injam, li ġejjin minn pajjiżi minn barra l-UE, fuq is-suq lokali għandhom japplikaw. It-tliet elementi tad-DDS huma dawn li ġejjin:

Informazzjoni: Il-kumpaniji għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni dwar il-prodotti tal-injam bħal, pajjiż tal-ħsad, speċi, kwantità, dettalji tal-fornitur u informazzjoni dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż li ġejjin minnu.

Evalwazzjoni tar-Riskju: Ibbażat fuq l-informazzjoni miġbura u l-kriterji stabbiliti fl-EUTR, il-kumpaniji għandhom jevalwaw ir-riskju ta' injam illegali fil-katina tal-provvista tagħhom. Jekk jirriżulta biss li r-riskju huwa "negliġibbli", jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq.

Mitigazzjoni tar-Riskju: Fil-każ ta' riskju "mhux negliġibbli" li l-prodotti tal-injam ikunu ġejjin minn sors illegali, għandhom jittieħdu miżuri addizzjonali sabiex dan ir-riskju jiġi minimizzat b'mod effettiv. Il-miżuri jistgħu jvarjaw minn ħtieġa ta' informazzjoni addizzjonali mingħand il-fornituri u / jew talba lill-fornitur biex jikseb iċ-ċertifikazzjoni tal-PEFC u /jew oħrajn

Timber Control Unit
Agricultural Directorate
Email eutr.mesdc@gov.mt
Telephone 22924249/4683

# Ħidmet id-Direttorat tal-Annimali matul is-sena 2017

Dan l-artiklu nkiteb minn
Robert Culajar
Principal fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali

Is-sena 2017 kienet waħda impenjattiva għad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali fejn bl-impenn tal-ħaddiema li jaħdmu f'dan id-Direttorat u l-pubbliku inġenerali ssarrfet f'sena li ħalliet riżultati sodisfaċenti u b'titjib sostanzjali fuq is-sena preċedenti.

Din il-ħidma matul l-2017 għad-Direttorat fissret ukoll:

- 5,740 sejħa t'emergenza mill-pubbliku fuq in-numri tal-uffiċċju inkella fuq 1717
- 880 spezzjoni fi djar privati, irziezet, garaxxijiet u ħwienet
- 400 kelb u 1,500 qattus inġabru mill-uffiċjali tad-Direttorat
- 154,00 ewro ntefqu mid-Direttorat fuq kura tal-annimali biss
- 43,000 ewro ngħataw bħala għajnuna lill-Għaqdiet Mhux Governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali
- 6000 ewro ngħataw għall-kampanja tan-neutering li saret fuq skala nazzjonali mid-Direttorat
- 325 kelb u qattus ġew neutered
- 40 żjara fi skejjel differenti madwar Malta u Għawdex minn uffiċjali tad-Direttorat fejn matulhom l-istudenti ngħataw tagħrif dwar il-ħarsien tal-annimali
- 21 kwerela l-Qorti fejn ittieħdu passi kontra min kiser il-liġi Proġett Pilota mal-istudenti tal-Kulleġġ San Nikola Skola Sekondarja ta' Ħad-Dingli

Inizjattiva oħra innovattiva li ttieħdet fl-aħħar xhur tnediet bi sħubija bejn id-Direttorat u l-Iskola Sekondarja ta' Ħad-Dingli fil-Kulleġġ ta' San Nikola. Ġimgħa wara ġimgħa, id-Direttorat qed jipprovdi sessjonijiet ta' informazzjoni, għarfien u attivitajiet hands on għall-istudenti ta' din l-iskola. Minbarra li nkomplu nsaħħu l-għarfien dwar l-importanza tal-ħarsien tal-annimali, l-istudenti li jattendu b'mod regolari qed ikollhom din l-attività rikonoxxuta bħala parti miċ-ċertifikat li jingħata fl-aħħar tal-ħames sena tas-sekondarja. Għal kull sessjoni qed jattendu numru sostanzjali ta' studenti u din l-attendenza qed tagħmel l-inizjattiva pilota waħda ta' suċċess. Qed nagħmlu ħilitna biex nesploraw aktar opportunitajiet ta' kooperazzjoni mhux biss ma' dan il-Kulleġġ u din l-Iskola Sekondarja ta' Ħad-Dingli imma ma' aktar skejjel u ċentri edukattivi.



Proġett Pilota mal-istudenti tal-Kulleġġ San Nikola Skola Sekondarja ta' Ħad-Dingli

Photo - MESDC - Joseph Mercieca



Żjarat fl-iskejjel



SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI